# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Mejju 2000**

**Numru 1**

**Rikors numru 725/99 J1**

Illum, 16 ta' Mejju 2000

Il-Qorti,

Rat it-talba ta' l-intimat verbalizzata fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2000 biex jigu sfilzati d-Dok. B u d-Dok. D esebiti fl-istess seduta u konsistenti f'verbali ta' xiehda moghtija mill-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja Dr. Austin Gatt quddiem l-Onor. Qorti Kostituzjonali fi proceduri separati pendenti bejn il-partijiet;

Rat l-oppozizzjoni tar-rikorrent ghal din it-talba;

Ikkunsidrat illi:-

L-intimat qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq id-dispost ta' l-artikolu 85(2) tal-Kostituzzjoni;

Permezz tar-rikors promotorju r-rikorrent qieghed jattakka proprju l-mod kif saru s-surrogi li hu jirreferi ghalihom fl-istess rikors u fil-paragrafi 6 u 9 jaghmel referenza ghax-xiehda moghtija mill-Onor. Ministru tal-Gustizzja;

Ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li nghatat tali xiehda;

F'dan l-istadju pero`, u stante l-mertu tar-rikors promotorju, il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tikkummenta fuq l-imsemmi artikolu izda ghandha

tammetti l-istess xiehda filwaqt li tirrizerva li tippronunzja ruhha fi stadju ulterjuri.

Ghaldaqstant tichad it-talba ta' l-intimat ghall-isfilz tad-dokumenti msemmija.

D/Registratur